MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 380/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Ricky Abela**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-21 ta' Awwissu, 2010, ghall-habta ta' 1pm, fi Triq l-Oratorju, Qormi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq il vettura FBO 413 ta' l-ghamla Maruti ghad-detriment ta' Janet Grima;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza u cioe' kontra Janet Grima.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Awissu, 2010 fejn sabet lil appellant hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 325, 251, 251A, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,- u ikkundannatu ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin skond l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi l-imputat ghandu joqghod taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien sentejn (2), specjalment fejn si tratta l-abbuz tad-droga;

Ikkundannatu wkoll ghal Ordni ta’ Restituzzjoni wara li rat l-Artikoli 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-hlas ta’ €1,260 lil Janet Grima;

Tordna wkoll il-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni skond l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll hrug ta’ garanzija skond l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur ta’ Janet Grima ghal zmien sena taht obbligazzjoni tieghu nnifsu ta’ €233.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-6 ta’ Settembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma is-sentenza appellata billi:

(a) Tikkonfermaha f’dik il-parti fejn Ricky Abela gie misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, filwaqt illi
(b) Thassar is-sentenza moghtija fil-konfront ta’ Ricky Abela limitatament f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta fuqu,
(c) U minflok teroga kontra Ricky Abela l-piena idoneja inkluz kull konsegwenza ohra prevista skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qoti tal-Magistrati (Malta) ergoat is-senetnza hawn fuq imsemmija (u dan b'mod partikolari ghar-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 28G u 28H tal-Kodici Kriminali) in konsegwenza ghal applikazzjoni u/jew interpretazzjoni skorretta tal-ipotezi tal-Ligi u kif ukoll li l-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma kienitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-Ligi ghar-reati li fuqhom l-imputat gie kkundannat.

F' dan il-kaz jirrizulta mill-atti processwali li l-Pulizija esebiet kopja awtentika u aggornata tal-fedina penali tal-imputat appelalt. Minnha din il-fedina penali jirrizulta li fil-15 ta' Jannar, 2008 huwa kien gie misjub hati li kkommetta diversi reati ta' uzu ta' influenza, uzu ta' dokumenti foloz, li ghamel dikjarazjonijiet foloz u gie kkundannat il-piena ta' sena prigunerija sospizi ghal sentejn, kif ukoll multa ta' €1164.69 u sospenzjoni tal-licenzja tal-MMA ghal sena. Fit-2 ta' Dicembru, 2008, huwa gie misjub hati ta' pussess illegali ta' medicina ristretta u psikotropika u gie mqieghed taht liberazzjoni kondizzjonata ghal perjodu ta' sentenjn.

L-esponent qabel xejn jidhirlu li l-piena inflitta ma setghetx tigi hekk mghoddija fuq l-impuata appellat. Skond l-artikolu 28A (7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

*"(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin -*
*(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;*
*(b)* ***meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;***
***(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation."***

Fl-umli fehma tal-esponent, f' dan il-kaz jirrizulta li r-reati de quo ammessi mill-imputat appelalt gew kommessi f'perjodu ta' applikazzjoni tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll f'perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation.

Huwa minnu li fl-imputazzjoni imressqa kontra l-imputat appellat ma gewx inkluzi l-adebitu tar-recidiva u l-imputazzjoni tal-ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat appellat. Biss dan ma jfissirx li l-Qorti tal-Magistrati setghet ma tiehux in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat ghal-fini tal-ikkalibrar tal-piena imposta fuqu. Anzi skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs Josef Abela” deciza nhar is-17 ta’ Settembru, 2008 gie rilevat is-segwenti:-

“Illi mill-process (fols. 3 sa 5) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal-appellat proprju mac-citazzjoni. Issa minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-reati ammessi minnu kien gja gie misjub hati mill-Qrati ta' delitti relatati mal-kacca illegali fl-20 ta' Mejju, 2002 u fit-28 ta' Marzu, 2007. Fl-ewwel kaz gie kundannat ghall-multa w fit-tieni kaz gie liberat b' kondizzjoni skond l-artikolu 22 tal-Kap.446. Ir-reati ammessi mill-appellat f' din il-kawza
sehhew bejn l-1 ta' Jannar, 2007 u l-31 ta' Marzu, 2007.

Ghalhekk jirrizulta li entro l-periodu ta' hames snin minn dawn il-kundanni hu rega' kkommetta r-reati mertu ta' din il-kawza w ergo rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll li ghamel reat fil-periodu ta' liberazzjoni taht liberta' kondizzjonata skond l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin.

Ghalhekk f' dan il-kaz, ladarba l-appellat ma kienx qed jigi akkuzat bl-addebitu tar-recidiva, l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn taghmel l-aqwa prova taghha w cioe' billi tigi esebita kopja awtentika tas-sentenza precedenti kif gie ritenut fil-kaz ta' **Sant** fuq citat. Pero', meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il-korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet. Illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi

provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza."

Bid-dovut rigward, l-esponenti jidhrilu li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) setghet tapplika l-artikolu 28G biss b'riferenza u applikazzjoni tal-artikolu 28A (anke jekk ma jidher minnn imkien li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) irreferiet ghal dan l-artikolu fil-parti dispozittiva tas-sentenza taghha). Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent din is-sentneza "Josef Abela" ghandha tkun applikata ghal dan il-kaz.

Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher li ghalkemm l-imputat appellat ammetta l-fatti kostitwenti reati f'dan il-kaz, xorta wahda kien ghadu ma nidemx minn dak li ghamel ghaliex sa jum qabel is-seduta, fl-ufficju tal-Ispettur Tony Cachia stess kien tenna li l-problemi ta' bejnu u Janet Grima kienu ser jikbur u li wkoll kien lest jaghmel aktar hsara lil Janet Grima. L-espinent jifhem li l-Qorti tal-Magistrati(Malta) hasset il-htiega li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali. Pero` bid-dovut rispett, f'kaz bhal dan fejn persuna bhall-imputat appellat li tkun giet murija hniena diversi drabi minn dawn il-Qrati, li tkun recidiva u tikkommetti reati serji ohra, li tkun taht liberazjzoni kondizzjonata u tkompli tikkommetti reati serji ohrajn altrettanto serji, il-piena inflitta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (anke jekk biss setghet legalment tinghata, haga kontestata mill-esponent ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq xorta wahda) kienet piena miti wisq.

Dan huwa kaz fejn il-persuna kienet giet moghtija l-okkazjoni li tirriforma ruha ma laqghetx dan l-invit. Anzi. Minbarra li kkommettiet reati godda, sahansitra tenniet

quddiem l-Awtorita tal-Pulizija li kienet ser tkompli taghmel hsara lil vittma ta' dan ir-reat. Bid-dovut rispett, dan juri bic-car li l-imputat appellat ma jridx jindem, jitghallem mill-passat u jgib ruhu tajjeb fil-futur. Bir-rispett kollu, issa l-imputat appellat irid jifhem li l-Gustizzja f' dan il-pajjiz timplika wkoll konsegwenzi serji fuqu u fuq l-agir kriminuz tieghu – u wara kollox, il-Gustizzja f' dan il-pajjiz ma tistax tinjraha jew ticcajta maghha! Ghalhekk kwalunkwe piena li ma tkunx piena karcerarja effettiva f'kaz bhal dan mhix indikata.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi nhar il-21 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tas-1.00 ta' wara nofs inhar il-pulizija waslitilha informazzjoni li l-appellat kien fil-fatt inqabad jikkommetti hsara volontarja fuq il-vettura appartjenenti lil Gerald Grima. Il-pulizija bdiet taghmel l-indagni taghha u rrizulta wkoll illi fil-fatt giet ezercitata vjolenza kontra Janet Grima da parti ta' l-appellat sabiex tigi mgielgha taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga. L-appellat ipprezenta ruhu fl-ghassa tal-pulizija f'Hal Qormi fejn ammetta illi huwa kien ikkaguna l-hsara msemmija. Din l-ammissjoni ikkonfermaha skont il-ligi quddiem il-Qorti illi ghaddiet biex tiggudikah.

B'Sentenza tat-23 ta' Awwissu 2010 il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati izda kkundannatu ghall- perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin oltre kundizzjonijiet ohra imposti fuq l-istess appellat.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi skont il-precedenti ta' l-istess appellat l-ewwel Qorti ma setghetx teroga piena ta' prigunerija sospiza, 'il ghaliex skont id-dispost ta' l-istess Artiklu 28a(7) tal-Kap. 9 il-Qorti ma setghetx teroga din il-piena peress illi l-appellat kien diga recediv u r-reat imsemmi gie kommess f'perjodu ta' probation jew liberazzjoni taht kondizzjoni. Minn naha 'l ohra l-appellat argument li s-sentenza kienet gusta u peress illi ma gietx akkuzat bir-recediva, l-ewwel Qorti ghamlet sew illi ma nkluditiex fis-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali ghamel referenza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell "Il-Pulizija vs. Josef Abela" deciza fis-sbatax ta' Settembru 2008, fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet illi meta l-ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali ta' l-appellat, una volta li fuq il-korrettezza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni u la darba minn din il-fedina penali kien irrizulta ampjament li l-appellat kien recediv, kien messa ma applikatx l-Artiklu 28a zbaljatament kif fil-fatt ghamlet.

Din il-Qorti tara hafna logika f'dan l-insenjament u thoss illi ghandha ssegwieh. Il-fendina penali tkun ipprezentata ghal skop partikolari, li tiggwida l-Qorti ghal fini ta' piena. X'jiswa mela li ma taghmilx rikors ghaliha sempliciment ghax ma jkunx hemm addebitu tar-recediva? Jekk dina tirrizulta ampjament mill-fedina penali, allura f'dan il-kaz il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni din il-fedina u teroga piena skont il-ligi, bbazata wkoll fuq il-precedenti ta' l-imputat. F'dan il-kaz, l-appellat ammetta l-akkuzi kontra tieghu pero' bid-dovut rispett, jidher illi dana ma tax kaz l-opportunitajiet illi gew offruti lilu mill-Qorti, anzi ddikjara apertament lill-Ispettur li l-problemi bejnu u bejn Janet Grima kienu ser jikbru u kien lest jaghmel aktar hsara lilha. Bi sfidi bhal dawn il-Qorti ma tistax ma tihux azzjoni u tkun severa ma l-appellat. Ghalhekk bhall-Avukat Generali l-Qorti jidrilha li dik il-piena kienet mita wisq.

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-Appell ta' l-Avukat Generali jisthoqq illi jkun milqugh. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-Appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-appellat gie misjub hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, thassar u tirrevoka s-sentenza limitatament f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena u minflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' prigunerija ta' tnax –il xahar u wkoll tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni skont l-Artiklu 412C tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, kif ukoll hrug ta' garanzija skont l-Artiklu 383 tal-Kap. 9 favur

Janes Grima ghal zmien sena wara li jiskonta l-piena ta' prigunerija taht obligazzjoni tieghu nnifsu ta' mitejn, tlieta u tletin Euro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------